



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 154/24

Il-Lussemburgu, 1 ta' Ottubru 2024

Jidħlu fis-seħħ ir-regoli dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali

Kif tħabbar bil-pubblikazzjoni, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, tar-Regolament 2024/2019 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-QTĠUE ¹, **illum jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali**. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' ħeffa, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari kollha ser jibqgħu jittressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li min-naħa tagħha ser twettaq analiżi preliminari tas-suġġett tagħhom biex imbagħad, hekk kif tintemm din l-analiżi, it-talbiet li jikkonċernaw esklużivament wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50b tal-Istatut ² jiġu ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

Bla ħsara għal numru ta' aġġustamenti marbuta mal-istruttura stess tal-Qorti Ġenerali u mal-organizzazzjoni interna tagħha, il-Qorti Ġenerali ser tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mgħoddija lilha mill-Qorti tal-Ġustizzja bl-istess mod bħal din tal-aħħar u ser tapplika l-istess regoli proċedurali. Id-deċiżjonijiet preliminari mogħtija mill-Qorti Ġenerali ser ikollhom ukoll l-istess valur bħal dawk mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Madankollu, sa fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut jipprevedu, b'mod eċċezzjonali, il-possibbiltà ta' eżami mill-ġdid, fuq proposta tal-Avukat Ġenerali Ewlieni, tad-deċiżjonijiet preliminari tal-Qorti Ġenerali fil-każ li jkun hemm riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni, huwa biss fl-assenza ta' tali proposta – li għandha obbligatorjament issir f'terminu ta' xahar mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali – li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ser tikseb natura definittiva. Għall-kuntrarju, jekk l-Avukat Ġeneral Ewlieni jagħmel proposta għal eżami mill-ġdid ta' din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tikseb natura definittiva ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar din il-proposta jew, fil-każ li jsir eżami mill-ġdid, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi dik tal-Qorti Ġenerali.

Fl-okkażjoni ta' din ir-riforma importanti, ġew aġġornati wkoll ir-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali dwar it-tressiq ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari. Dawn huma disponibbli bil-lingwi kollha tal-Unjoni u huma aċċessibbli f'dan is-[sit internet](#).

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE, Euratom\) 2024/2019](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ara wkoll l-[Istqarrija għall-Istampa Nru 125/24](#)).

² Dawn huma, sabiex wieħed jiftakar, is-sitt oqsma segwenti: is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT); id-dazji tas-sisa; il-Kodiċi

Doganali; il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda; il-kumpens u l-assistenza lill-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu jew fil-każ ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi ta' trasport, u l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.